GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR230440 | 23.03.2023 | 5 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Parlament jospita s-sessjoni finali tal-Young Parliamentarians 2022/23***

Il-Parlament laqa' għall-ewwel darba l-fażi finali tal-attività Young Parliamentarians #Ejjewniddibattu, programm immexxi mill-Aġenzija Żgħażagħ bl-għan li jagħti ċans liż-żgħażagħ jagħmlu esperjenza hands-on tas-sistema demokratika u leġiżlattiva ta' pajjiżna. Fl-edizzjoni ta' din is-sena kien hemm mal-200 żagħżugħ u żagħżugħa minn 22 skola li ngħataw taħriġ mill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex ikunu ppreparati biex jitħaddtu u jiddiskutu fil-pubbliku, jippreżentaw l-ideat tagħhom, jiktbu r-rakkomandazzjonijiet, jiddibattu u jirribattu.

Is-sessjoni finali nżammet fis-Sala tal-Parlament u kienet immexxija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia. F'diskors qasir l-Ispeaker irrimarka li programmi bħal Young Parliamentarians jgħinu sabiex iż-żgħażagħ ikollhom edukazzjoni aktar wiesgħa li ser isibu utli 'l quddiem f'ħajjithom, tkun xi tkun it-triq li huma jaqbdu. Huwa qal ukoll li bħala attività extra-kurrikulari, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ tirrikjedi impenn kbir mill-parteċipanti, iżda dan ser jgħinhom jakkwistaw il-ħiliet li se jkollkom bżonn għall-futur tagħhom.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa s-sessjoni finali ta' din l-attività fejn iż-żewġ skejjel li għaddew għall-finali disskutew il-mozzjoni "Il-Kamra tirrakkomanda li dawk iż-żgħażagħ li huma eliġibbli biex jivvutaw għall-ewwel darba f'elezzjoni jridu jattendu b'mod obbligatorju għal taħriġ li jippreparahom bħala votanti", fejn l-Iskola Sekondarja, Kulleġġ Santa Margerita, Verdala, kellha targumenta favur il-mozzjoni, filwaqt li l-Iskola Sekondarja, Kulleġġ Santa Tereża, kellha targumenta kontra l-mozzjoni.

Fi tmiem l-attività ġew ippreżentati ċertifikati lill-iskejjel li waslu sas-semi-finali, trofew lill-aħjar żewġ kelliema, ċertifikati lir-runners up, u trofew u ċertifikati lir-rebbieħa.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Keith Azzopardi Tanti, il-Kelliema tal-Oppożizzjoni għaż-Żgħażagħ Bernice Bonello, u l-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni Justin Schembri, indirizzaw ukoll din is-sessjoni finali.